**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 50**
**It-Tnejn, 14 ta' Novembru, 2022 fl-4:00 p.m.**

**STUDJU LIVING INCOME**

**2733. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid meta se jiġi ppubblikat l-istudju li sar tal-Living Income?

03/10/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Kif kien diġà spjegat fil-leġiżlatura li għaddiet, il-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru kellu dokument ta' ħidma intern.

Naturalment, kif jaf l-Onor. Interpellant, il-Gvern ħa u se jibqa' jieħu numru kbir ta' miżuri biex isaħħaħ id-dħul tal-familji Maltin u Għawdxin, b'mod partikolari dawk bi dħul baxx.

Biex nagħti biss ftit eżempji nsemmi l-introduzzjoni tal-inwork benefit u t-tisħiħ tiegħu, it-tapering tal-benefiċċji għal dawk li jidħlu fid-dinja tax-xogħol, flok jibqgħu dipendenti fuq il-benefiċċji soċjali, iż-żidiet fiċ-Childrens' Allowance, iż-żidiet kontinwi sena wara oħra fil-pensjonijiet (b'aġġustament biex dawn qatt ma jkunu taxxabbli) u l-mekkani¿mu ġdid biex jikkumpensa lil dawk bi dħul baxx kontra l-għoli tal-ħajja.

Seduta 50
14/11/2022

**KOTTONERA U BELT VALLETTA – LIVELLI TA' TNIĠĠIS FL-AJRA**

**2734. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-pubbliku f'Malta għandux il-possibbiltà li jara online l-livelli ta' tniġġis fl-arja fid-diversi lokalitajiet, speċjalment fil-Kottonera u l-Belt Valletta? Jekk le, tista' tgħid għala?

03/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għandha żewġ networks ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-arja. Wieħed minn dawn jissejjaħ passive diffusion tube network u jikkonsisti minn mitt tubu mxerdin ma' Malta u Għawdex, fosthom fil-Kottonera u l-Belt Valletta. Il-medja annwali tal-gassijiet tad-dijossidu tan-nitroġenu ($NO_2$) u dawk tal-benzene jinsabu pubbliċi fuq il-websajt uffiċjali tal-ERA.

In-netwerk l-ieħor jikkonsisti f'ħames stazzjonijiet; fiż-Żejtun, f'Ħ'Attard, fl-Għarb, fl-Imsida u f'San Pawl il-Baħar, li jimmonitorjaw il-livelli ta' tniġġis real time(24x7). Ir-riżultati miksuba minn dawn l-istazzjoniet jiġu trasmessi mill-ewwel online u l-pubbliku jista' jarahom fuq il-websajt uffiċjali tal-ERA.

Fuq is-sit elettroniku tal-ERA, fuq il-paġna tal-Air Quality Index, wieħed jista' jara wkoll il-kwalità tal-arja kif inhi f'kull stazzjon b'mod sempliċi u li jista' jinftiehem mill-pubbliku.

Seduta 50
14/11/2022

**LIVELLI TA' TNIĠĠIS FL-AJRA**

**2735. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-pubbliku f'Malta għandux il-possibbiltà li jara online l-livelli ta' tniġġis fl-arja? Jekk le, jista' jgħid għala?

03/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba li tajt għall-Mistoqsija Parlamentari numru 2734.

Seduta 50
14/11/2022

**TA' QALI CRAFTS VILLAGE – XOGĦOL TA' TĦAFFIR**

**2736. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid għaliex wara x-xogħol ta' tħaffir li sar fuq wara tal-Crafts Village f'Ta' Qali, is-sena li għaddiet, ma sar xejn iktar? Jista' jgħid jekk l-art li tħaffret ġietx allokata u jekk iva, lil min u meta?

03/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma sar l-ebda xogħol ta' tħaffir fuq wara tal-Crafts Village f'Ta' Qali s-sena li għaddiet, imma sar din is-sena.
Dan l-iskavar li nifhem li qed jirreferi għalihom l-Onor. Interpellant huwa tħejjija għall-bini ta' fabriki ġodda li mbagħad ikunu allokati skond l-procedura stabbilita.

Seduta 50
14/11/2022

**E-SCOOTERS – ILBIES TA' HELMET**

**2737. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk min juża l-e-scooter fit-toroq huwiex obbligat li jilbes crash helmet?

03/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-użu ta' helmets mhux obbligatorju għal min ikun qed isuq e-scooter, però bħal fil-każ ta' sewqan tar-roti, l-użu ta' helmets huwa dejjem irrakkomandat.

Seduta 50
14/11/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR - LUKANDA BORA BORA IBIZA MALTA**

**2738. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jipprovdi d-data meta l-lukanda Bora Bora Ibiza Malta f'San Pawl il-Baħar applikat biex tingħata permess għal amplified music/sound u meta ngħatat tali permess?

03/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-applikazzjoni msemmija waslet għand l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu fis-26 ta' Frar 2021 u l-permess ħareġ fit-30 t'April 2021.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA LI QED JAĦDMU FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**3395. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew trasferiti impjegati li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li issa qed jaħdmu mal-gvern/fis-settur pubbliku, f'entità jew dipartiment li jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jista' jindika x'salarju għandhom dawn l-impjegati? Jista' jindika wkoll il-livell ta' edukazzjoni ta' dawn l-impjegati?

25/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 3391.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA LI QED JAĦDMU FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**3396. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew trasferiti impjegati li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li issa qed jaħdmu mal-gvern/fis-settur pubbliku, f'entità jew dipartiment li jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jista' jindika x'salarju għandhom dawn l-impjegati? Jista' jindika wkoll il-livell ta' edukazzjoni ta' dawn l-impjegati?

25/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għall-mistoqsija parlamentari 3391.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA LI QED JAĦDMU FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**3397. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew trasferiti impjegati li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li issa qed jaħdmu mal-gvern/fis-settur pubbliku, f'entità jew dipartiment li jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jista' jindika x'salarju għandhom dawn l-impjegati? Jista' jindika wkoll il-livell ta' edukazzjoni ta' dawn l-impjegati?

25/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-PQ 3391.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET– EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA LI QED JAĦDMU FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**3398. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew trasferiti impjegati li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li issa qed jaħdmu mal-gvern/fis-settur pubbliku, f'entità jew dipartiment li jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jista' jindika x'salarju għandhom dawn l-impjegati? Jista' jindika wkoll il-livell ta' edukazzjoni ta' dawn l-impjegati?

25/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għall-Mistoqsija Parlamentari numru 3391.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR – EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA LI QED JAĦDMU FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**3399. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti rendikont ta' kemm ġew trasferiti impjegati li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li issa qed jaħdmu mal-gvern/fis-settur pubbliku, f'entità jew dipartiment li jaqa' taħt id-dekasteru tagħha? Tista' tindika x'salarju għandhom dawn l-impjegati? Tista' tindika wkoll il-livell ta' edukazzjoni ta' dawn l-impjegati?

25/10/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għar-risposta tal-PQ 3391.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA LI QED JAĦDMU FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**3400. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew trasferiti impjegati li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li issa qed jaħdmu mal-gvern/fis-settur pubbliku, f'entità jew dipartiment li jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jista' jindika x'salarju għandhom dawn l-impjegati? Jista' jindika wkoll il-livell ta' edukazzjoni ta' dawn l-impjegati?

25/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għall-Mistoqsija Parlamentari 3391.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - ĦADDIEMA MQABBDA MA' KUNTRATTURI**

**3457. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1536 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 377, jista' l-Ministru jagħti din l-informazzjoni fir-rigward tal-ħaddiema li qegħdin jagħtu servizz lill-Gvern u li huma impjegati mal-kuntrattur u mhux fir-rigward tal-ħaddiema kollha tal-kumpanija privata?

27/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 3 ħaddiema tal-kuntrattur li jaħdmu taħt dan il-Ministeru.

Seduta 50
14/11/2022

**MARSAXLOKK – PERSUNI LI BBENEFIKAW MIS-SUSSIDJU FUQ IL-KIRJIET**

**3481. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra kemm kien hemm persuni minn Marsaxlokk li tul din is-sena 2022 s'issabbenefikaw mis-sussidju fuq il-kirjiet li saru wara u qabel l-1995 u kemm kienet l-ispiża? Jista' wkoll jinforma lill-Kamra kemm hemm persuni li rrikorrew għall-assistenza wara li ġew żgumbrati jew li qegħdin fil-proċess li jiġu żgumbrati?

27/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellant li fl-2022 l-Awtorità tad-Djar kellha 17-il persuna minn Marsaxlokk li bbenefikaw mis-sussidju fuq il-kirjiet li saru wara u qabel l-1995. L-ispiża kienet ta' €24,074.92c. Ma kienx hemm persuni minn Marsaxlokk li rrikorrew għall-assistenza wara li ġew żgumbrati jew li qegħdin fil-proċess li jiġu żgumbrati.

Seduta 50
14/11/2022

**MARSAXLOKK – PERSUNI RESIDENTI LI BBENEFIKAW MILL-IN-WORK BENEFIT**

**3482. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra kemm persuni residenti Marsaxlokk ibbenefikaw mill-In-Work Benefit tul din is-sena 2022 s'issa u kemm kien l-ammont ta' flus li ġew imħallsa?

27/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, l-informazzjoni mitluba minnu hija kif tidher fit-tabella t'hawn taħt:

| Lokalità | Benefiċjarji tal-IWB | Ammont imħallas sa 11/11/22 |
|---|---|---|
| Marsaxlokk | 33 | € 31,927.23 |

Seduta 50
14/11/2022

**ĦAL TARXIEN – PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PJAZZA U Z-ZUNTIER QUDDIEM IL-KNISJA PARROKKJALI**

**3483. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għall-Konferenza tal-Aħbarijiet li kienet saret fl-14 ta' Mejju 2019 għall-Proġett ta' Riġenerazzjoni tal-Pjazza u z-Zuntier quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien kif ukoll għall-mistoqsijiet parlamentari sussegwenti, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra x'passi ttieħdu u f'liema stadju jinsabu l-pjani u d-disinji relattivi u jekk ġewx konsultati l-awtoritajiet relattivi u l-istess kunsill lokali?

27/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li billi ż-żona hija waħda arkeoloġikament sensittiva, apparti diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali qed issir ukoll konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Tħejjew pjanti preliminari iżda hemm xi dettalji li għadhom qed jiġu kunsidrati. Inġabret ukoll l-informazzjoni dwar sistemi ta' servizzi pubbliċi waqt li għaddej eżerċizzju biex jiġu identifikat strutturi taħt l-art, fejn diġà nstabu xelters li hemm fl-inħawi.

Seduta 50
14/11/2022

**BORMLA – GROUND DEDIKAT GĦAL JOSEPH DELCEPPO**

**3484. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra f'liema stadju ta' xogħol jinsab il-ground magħruf dedikat għal Joseph Delceppo f'Bormla u għaliex jinsab preżentement wieqaf?

27/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Bormla li x-xogħol fuq il-proġett imsemmi għadu għaddej.

Infurmat li x-xogħol jinsab f'nofs żona storika u għaldaqstant kull pass li jittieħed ikun qiegħed jiġi sorveljat mis-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali li min-naħa tagħha, ġaladarba jsiru l-verifiki meħtieġa, tagħti l-approvazzjoni biex ix-xogħlijiet jitkomplew.

Attwalment qegħdin isiru l-preparamenti meħtieġa sabiex issir l-aħħar fażi tal-proġett li hu ppjanat li jkun lest sa tmiem ta' Diċembru 2022.

Seduta 50
14/11/2022

**RAĦAL ĠDID – PAOLA HUB**

**3485. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jinforma lill-Kamra f'liema stadju jinsab ix-xogħol fuq Paola Hub, kemm intefqu flus s'issa u meta mistennija tkun lesta?

27/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi c-Ċentru Reġjonali Ċensu Moran ta' Raħal Ġdid mistenni jibda jilqa' l-ewwel pazjenti fis-sajf li ġej. Bħalissa qiegħed isir ittestjar ta' internal partitioning u installazzjonitas-servizzi elettriċi u dawk mekkaniċi. L-investiment totali għal dan il-hub mistenni jilħaq l-€40 miljun, li 80% minnhom ġejjin minn fondi tal-UE.

Seduta 50
14/11/2022

**KALKARA – ĠNIEN TAR-RINELLA**

**3486. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 2320 dwar il-Ġnien tar-Rinella fil-Kalkara, tista' l-Ministru tindika kemm intefqu flus u kemm dam biex jiġi esegwit ix-xogħol?

27/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalma tħabbar pubblikament, l-investiment li sar f'xogħlijiet li saru fi Ġnien Rnella, jammonta għal madwar €1.1 miljun.

Dawn jinkludu kostruzzjoni ta' latrina pubblika, tqegħid ta' servizzi u pavimentar, restawr tal-bjar, istallazzjoni ta' sistema tal-irrigazzjoni, tħawwil ta' siġar u arbuxelli, istallazzjoni ta' sistema solari fil-pavimentar, tqegħid ta' bankijiet smart, smart bins, drinking fountain u kiosk informattiv.

Sar ukoll xogħol ta' restawr fuq l-oqbra u l-ħitan tal-perimetru kollu. Ix-xogħol tlesta f'14-il xahar.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - CEOS**

**3591. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 405 u 1969 u jagħti n-numru ta' CEOs li huma impjegati mill-Gvern li jaqgħu taħt id-dekasteru rispettiv tal-Ministeru tiegħu u fejn huma impjegati? Jista' jagħti s-salarju li kull CEO rispettiv jitħallas u l-lista ta' benefiċċji allokati lil kull wieħed?

02/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - CEOS**

**3592. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 400 u 1918 u jagħti n-numru ta' CEOs li huma impjegati mill-Gvern li jaqgħu taħt id-dekasteru rispettiv tal-Ministeru tiegħu u fejn huma impjegati? Jista' jagħti s-salarju li kull CEO rispettiv jitħallas u l-lista ta' benefiċċji allokati lil kull wieħed?

02/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 50
14/11/2022

**PROPOSTI MAT-TIBDIL FIL-KLIMA TAL-BAĠIT 2023**

**3612. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid eżatt liema proposti ambjentali u marbuta mat-tibdil fil-klima tal-Baġit 2023 se jkunu funded mill-Fondi Ewropej?

02/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-azzjonijiet ambjentali u marbuta mat-tibdil fil-klima mhumiex biss inklużi taħt il-Ministeru li jien responsabbli minnu, u peress li l-ġestjoni ġenerali ta' fondi Ewropej f'Malta taqa' fir-responsabiltà ta' Ministeru ieħor, nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 50
14/11/2022

**ŻIEDA FL-EMISSJONIJIET TAL-CARBON DIOXIDE**

**3613. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm żdiedu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju ($CO_2$) f'Malta f'dawn l-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena?

02/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba li tindika varjanzi minn sena għall-oħra li mhumiex neċessarjament żidiet.
Fil-fatt fis-sena 2020, kellna tnaqqis ta' 38.6% CO2 fuq is-sena 2010.

Seduta 50
14/11/2022

**SETTURI LI KKAWŻAW L-AKTAR EMISSIJIET TAL-CARBON DIOXIDE**

**3614. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid liema setturi kkawżaw l-aktar emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju ($CO_2$) dawn l-aħħar għaxar snin u kemm żdiedu sena b'sena?

02/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-aktar settur li ikkawża emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju huwa s-settur 'Enerġija' li jinkludi ukoll l-użu ta' fjuwils konvenzjonali u t-trasport fit-territorju Malti.

Qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella b'data dwar l-emissjonijiet ta' dan is-settur għas-snin 2010 sa 2020.

Seduta 50
14/11/2022

**WASTESERV – ĦLAS TA' PAGI**

**3615. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm qed jitħallsu pagi fil-WasteServ bħala somma totali u tagħti break down tal-pagi tal-membri tas-senior management?

02/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-wage bill ta' Wasteserv (Malta) Ltd. jammonta għal ftit inqas minn żewġ miljun ewro fix-xahar.

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi l-pagi tal-membri tas-Senior Management. Fir-rigward tal-paga tal-Kap Eżekuttiv, nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-Mistoqsija Parlamentari 404.

Seduta 50
14/11/2022

**WASTESERV – KWALIFIKI TAS-SENIOR MANAGEMENT**

**3616. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'inhuma l-kwalifiki tas-senior management tal-WasteServ?

02/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra t-tabella bl-informazzjoni mitluba.

Seduta 50
14/11/2022

**SOTTOMISSJONI TA' PJAN AĠĠORNAT GĦAT-TIBDIL FIL-KLIMA**

**3617. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Gvern issottomettiex pjan aġġornat għat-tibdil fil-klima qabel il-COP27 hekk kif kien miftiehem fil-Paris Agreement?

02/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Għal skopijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (il-UNFCCC) hija l-Unjoni Ewropeja li tressaq il-pjan aġġornat dwar l-azzjonijiet fuq it-tibdil fil-klima quddiem il-Konvenzjoni u dan fil-forma ta' pjan kollettiv għall-istati membri kollha tal-Unjoni Ewropeja.

Taħt il-Ftehim ta' Pariġi l-pajjiżi membri fil-Konvenzjoni kellhom sal-aħħar tal-2022 sabiex jissottomettu pjanijiet iktar ambizzjużi dwar l-azzjoni kontra t-tibdil fil-klima. Irrid infakkar li taħt l-istess Ftehim ta' Pariġi l-Unjoni Ewropea kienet diġa issottomettiet pjan sabiex tnaqqas l-emissjonijiet tagħha u tal-istati membri b'40 fil-mija sal-2030 meta mqabbel mal-1990. B'deċiżjoni tal-Kunsill fl-aħħar tal-2020 din l-ambizzjoni kienet miżjuda mill-Unjoni Ewropea għal-livell ta' tnaqqis ta' 55% sal-2030 u f'dan ir-rigward kien anke sottomess pjan aġġornat lill-Konvenzjoni. Sadanittant bħalissa fi ħdan l-Istituzzjonijiet Ewropej relevanti qed isiru d-diskussjonijiet finali dwar il-pakkett leġiżlattiv tal-Fit for 55.

Hekk kif dan ikun approvat l-Unjoni Ewropea terġa' tissottometti lill-Konvenzjoni pjan aġġornat kif ikun il-każ.

Sadanittant infakkar lill-Onor. Interpellant li bħala parti mill-isforzi kollettivi tal-istati membri kollha tal-UE Malta fasslet pjan ambizzjuż ħafna, il-*Low Carbon Development Strategy*, li ser iwassalna biex aħna nwettqu l-parti tagħna fil-mira kollettiva Ewropea għall-2030.

Seduta 50
14/11/2022

**SKOLA TA' SANNAT – PIXXINA TERAPEWTIKA**

**3648. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta se jibda l-proġett ta' pixxina terapewtika ġewwa l-Ispecial Unit fl-Iskola Ta' Sannat? Jista' jgħid ukoll jekk inħariġx tender u jekk iva lil min ingħata? Jista' jgħid x'sar f'din l-aħħar sena rigward dan il-proġett u kemm intefqu flus f'din l-aħħar sena fuq dan il-proġett?

03/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 50
14/11/2022

**IR-RABAT GĦAWDEX – PJAZZA SAN FRANĠISK – NEFQA FUQ PAVIMENTAR U XOGĦOL IEĦOR**

**3649. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa finali/globali tal-proġett ta' pavimentar u xogħol ieħor ta' Pjazza San Franġisk fir-Rabat Għawdex? Jista' jgħid kif kienet maqsuma din in-nefqa?

03/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-nefqa finali tal-Pjazza ta' San Franġisk kienet dik ta' €2,604,560.35.

Seduta 50
14/11/2022

**MARSALFORM – PROMENADE U L-MENQA – BANKIJIET GĦALL-PUBBLIKU**

**3650. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jitpoġġew bankijiet għall-pubbliku fil-promenade u fil-Menqa ġewwa Marsalforn li kienu ġew inawgurati iktar minn sena ilu?

03/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li diġà hemm installati numru ta' bankijiet fil-promenade u l-Menqa ta' Marsalforn. Il-pjan hu li n-numru ta' bankijiet mistenni jiżdied għax-xhur tar-rebbiegħa u s-sajf.

Seduta 50
14/11/2022

**TRIQ LI TWASSAL GĦALL-BAJJA TAL-ĦONDOQ - XOGĦLIJIET**

**3651. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'qed isir fil-parti tat-triq li twassal għall-bajja ta' Ħondoq li bdiet tisfronda? Peress li din it-triq kien sar xogħol fuqha fi żmien il-Ministru Refalo iżda ftit wara bdiet tisfronda, jista' jgħid għaliex ix-xogħol għadu ma bediex biex tiġi rranġata din it-triq?

03/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet huma ppjanati li jsiru ladarba jiġu pproċessati t-tender.

Seduta 50
14/11/2022

**REWS - CEO**

**3652. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3306, tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx kunflitt ċar bejn li s-CEO tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) jiġi appuntat minnha waqt li suppost dan iwieġeb lejn il-Bord tar-REWS u li għalhekk għandha tinbidel il-liġi biex din il-ħatra ssir mill-Bord u mhux mill-Ministru?

03/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-proviżjonijiet tal-liġi li jirregolaw l-affarijiet imsemmija huma ċari.

Seduta 50
14/11/2022

**REWS – MEMBRI U CHAIRMAN TAL-BORD**

**3653. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 3111, tista' l-Ministru tgħid jekk hux se ssir sejħa pubblika għall-ħatriet taċ-Chairman u l-membri tal-Bord attwali meta jiġu fi tmiem il-ħatriet tagħhom rispettivi, dan ukoll meta wieħed iqis li l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, Kap. 545 jgħid b'mod ċar li "Il-membri tal-Bord tar-Regolatur għandhom jinħatru abbażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti u ppubblikati, fi proċedura indipendenti u imparzjali, li tiżgura li l-kandidati jkollhom il-ħiliet u l-esperjenza meħtieġa."?

03/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kwalunkwe ħatriet ġodda fuq il-Bord tar-regolatur se jsiru f'konformita mal-liġi.

Seduta 50
14/11/2022

**BAĠIT 2022 – GĦAJNUNA LIT-TFAL VULNERABBLI**

**3671. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għad-Diskors tal-Baġit 2022, speċifikament fis-sezzjoni bl-isem "Għajnuna lit-tfal vulnerabbli", jista' l-Ministru jgħid kemm kienet effettivament in-nefqa s'issa, u kemm hu ppjanat li jkun hemm aktar infiq matul l-2022 għal dan l-iskop? Liema skejjel ibbenefikaw jew hu ppjanat li jibbenefikaw minn din l-iskema? Kemm hu l-valur li ntalab minn kull skola u għal liema affarijiet (bħal ikel jew riżorsi bażiċi) intalab?

04/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-nefqa marbuta ma' skema 9 matul din is-sena kienet ta' €423,457, filwaqt li l-investiment għas-sena 2023 huwa ta' €800,000. Apparti dan, il-kapijiet ta' kull skola se jingħataw €10,000 fis-sena (b'total ta' €1 miljun) biex jiżguraw li t-tfal ma jkun jonqoshom affarjiet bażiċi fosthom ikel u riżorsi. L-investiment totali għal 2023 jammonta għal €1.8 miljun.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – SKEMI TA' GĦAJNUNA**

**3672. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid liema skemi kellu l-Ministeru għat-Turiżmu biex permezz tagħhom każini tal-baned, soċjetatjiet mużikali, għaqdiet tal-festa, u organizzazzjonijiet volontarji oħra jistgħu jibbenefikaw biex ikunu ta' attrazzjoni għat-turiżmu, inkluż il-festi, fil-lokalitajiet differenti? Kemm-il organizzazzjoni bbenefikat minn dawn l-iskemi minn Jannar 2021 sal-lum? Liema kienu dawn l-organizzazzjonijiet u f'kull każ minn kemm fondi bbenefikaw?

04/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija Parlamentari 3526.

Seduta 50
14/11/2022

**SKEMA TA' AĊĊESSIBILITÀ GĦALL-KAŻINI TAL-BANDA**

**3673. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kif titħaddem l-iskema ta' aċċessibilità tal-każini tal-banda? Tista' tgħid jekk hemmx il-ħsieb li din l-iskema tiġi estiża wkoll għal każini oħra?

04/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iskema Soċjetajiet Mużikali aktar inklussivi tinfetaħ darba fis-sena. Jistgħu japplikaw għal din l-iskema soċjetajiet mużikali li huma konformi mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji kif ukoll membri mal-Għaqda Soċjetà mużikali li huma eliġibbli skont it-termini u kundizzjonijiet tal-iskema.
Din is-sena l-iskema tnediet fl-14 ta' Ġunju u bħalissa għaddej il-proċess ta' evalwazzjoni biex jintgħażlu l-proġetti rebbieħa.

Seduta 50
14/11/2022

**QAWRA – SKOLA PRIMARJA – APPLIKAZZJONIJIET MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR**

**3674. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar li jikkonċernaw l-iskola primarja tal-Qawra? Min kien/u l-perit/periti li ssottomettew kull applikazzjoni u taħt liema entità/dipartiment eċċ. għamlu dan? Għal kull applikazzjoni, jista' jgħid meta ġiet sottomessa, meta ġiet approvata u meta ħareġ il-compliance certificate? X'kienet ir-raġuni għal tibdil fil-perit bejn applikazzjoni u oħra?

04/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 50
14/11/2022

**BUĠIBBA – PROĠETT TA' ĠNIEN FI TRIQ SAN ĠERALDU U L-PROĠETT TA' ĦDEJN IS-SALINI**

**3675. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk iż-żewġ proġetti li kienu tħabbru madwar sena u nofs ilu, u ċjoè l-ġnien fi Triq San Ġeraldu u l-proġett ta' ħdejn is-salini tal-melħ, ħdejn il-breakwater (moll) ta' Buġibba, fil-fatt hux ser isiru? Jista' l-Ministru jgħid x'kien/u in-numru/i tal-applikazzjoni/jiet mal-Awtorità tal-Ippjanar għal kull wieħed minn dawn iż-żewġ proġetti u jinforma fiex waslu dawn l-istess applikazzjonijiet? Jekk dawn il-proġetti ser isiru, meta hu maħsub li jibdew u jitlestew? Jekk mhux ser isiru, x'wassal għad-deċiżjoni li ma jsirux?

04/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ż-żewġ proġetti msemmija ser isiru. Fir-rigward tal-proġett ta' tisbiħ tal-ġnien, bħalissa qegħdin isiru il-kunsiderazzjonijiet strutturali. Il-proġett ta' ħdejn is-salini tal-melħ ġie pospost sakemm jitlesta l-proġett ferm akbar li qed isir maġenbu.

Seduta 50
14/11/2022

**STATEMENTING MODERATING PANEL – LISTA TA' STENNIJA GĦAL LSA**

**3676. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm hemm tfal jew żgħażagħ li qed jistennew li jidhru quddiem l-iStatementing Moderating Panel sabiex ikun determinat jekk dawn ikollhomx bżonn Learning Support Assistant? Għal kull sena ta' skola kemm huma dawk it-tfal li qegħdin fuq din il-waiting list? X'inhi r-raġuni li għaliha qed ikun hemm daqstant tfal jistennew li jidhru quddiem dan il-bord u x'qed isir biex dan id-dewmien jinqata'?

04/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-sena 2021 kien hemm 722 talba għal Statementing Report u b'kollox ġew statemented 686. Filwaqt li matul l-2022, s'issa kien hemm 834 talba u li minnhom ġew statemented 602.

Seduta 50
14/11/2022

**PJAN LOKALI TA' GĦAWDEX**

**3677. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra soft copy tal-abbozz tal-Pjan Lokali ta' Għawdex li kien ħareġ għall-konsultazzjoni pubblika fl-2002?

07/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – DIRECT ORDERS LIL KUMPANIJA**

**3690. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata din it-tweġiba), xahar b'xahar, mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu lill-kumpanija li isimha qed jintbagħat separatament?

07/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – DIRECT ORDERS LIL KUMPANIJA**

**3691. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ingħataw direct orders matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata din it-tweġiba), xahar b'xahar, mill-Ministeru tas-Saħħa, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu lill-kumpanija li isimha qed jintbagħat separatament?

07/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba minnu.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – DIRECT ORDERS LIL KUMPANIJA**

**3692. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata din it-tweġiba), xahar b'xahar, mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu lill-kumpanija li isimha qed jintbagħat separatament?

07/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-perjodu li qed jirreferi għalih, kien hemm tliet kampanji mifruxa u importanti biex il-pubbliku jkun mgħarraf dwarhom.
Waħda f'Marzu dwar il-proġett 'EFSA Smart Monitoring of Airborne Plan'. Oħra 7 intervisti relatati mas-settur, bejn Marzu u April. Ta l-ahhar hija konsultazzjoni pubblika b'rabta mal-White Paper għar-riforma fil-qasam tar-raba', li saret bjen Ottubru u Novembru. It-total minfuq kien ta' €12,840.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI – DIRECT ORDERS LIL KUMPANIJA**

**3693. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata din it-tweġiba), xahar b'xahar, mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu lill-kumpanija li isimha qed jintbagħat separatament?

07/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, bħala parti minn kampanji t'għarfien indirizzati lill-pubbliku inġenerali, fil-perjodu indikat ingħataw żewġ direct orders mill-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu lill-kumpanija msemmija għall-ammont sħiħ ta' €2,833.06.

Seduta 50
14/11/2022

**PULIZIJA – MUTURI**

**3694. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il mutur (motor cycle) għandu l-Korp tal-Pulizija? Jista' jgħid f'liema sezzjoni, fergħa jew dipartiment fi ħdan il-Korp tal-Pulizija huma assenjati għall-użu l-imsemmija muturi? Jista' l-Ministru jgħid bħala medja kemm huwa n-numru ta' muturi tal-Korp tal-Pulizija li jintużaw ta' kuljum mit-Taqsima tat-Traffiku fi ħdan l-istess Korp tal-Pulizija?

07/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi preżentement il-Pulizija tagħmel użu minn wieħed u tletin mutur, li huma assenjati fit-Taqsima tat-Traffiku ġewwa Malta. Minn dawn ikun hemm medja ta' għaxar muturi assenjati kuljum f'ħinijiet differenti fuq doveri ta' ronda. Dan barra tmien muturi oħra li jintużaw għal doveri simili ġewwa Għawdex, b'erba' muturi jwettqu dan ix-xogħol kuljum. L-ammonti ta' muturi indikati, ma

jinkludux dawk li huma għat-tiswija fil-jum ta' din it-tweġiba. L-Onor. Membru japprezza illi barra mid-doveri ġenerali ta' ronda, fost avvenimenti u responsabbiltajiet oħra tal-komunità, l-uffiċċjali fit-Taqsima tal-Pulizija tat-traffiku bil-mutur huma responsabbli wkoll biex jinforzaw il-liġijiet tat-traffiku, jaqdu diversi doveri ta' skorta u jattendu seduti tal-Qrati.

Seduta 50
14/11/2022

**AWTORITÀ TAT-TRASPORT – MUTURI**

**3695. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il mutur (motor cycles) għandha l-Awtorità għat-Trasport f'Malta? Jista' jgħid f'liema sezzjoni, fergħa jew dipartiment fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta huma assenjati għall-użu l-imsemmija muturi? Jista' l-Ministru jgħid bħala medja kemm huwa n-numru ta' muturi tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta li jintużaw ta' kuljum biex isir infurzar tal-liġi u kontroll tat-traffiku fit-toroq f'Malta u f'Għawdex?

07/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent Transport Malta għandha 10 muturi li 9 minnhom huma assenjati ġewwa Malta filwaqt li wieħed huwa assenjat ġewwa Għawdex.

Dawn il-Muturi li joperaw taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorat tal-Infurzar fi ħdan Transport Malta, 7 muturi Malta u ieħor Għawdex ikunu kuljum assenjati jagħmlu xogħol ta' infurzar, kontroll ta' traffiku, jintervjenu biex jimmarkaw kollużjonjiet sabiex il-vetturi involuti jitneħħew mill-aktar fis possibbli mill-karreġġjati u ma jibqgħux t'ostakolu għat-traffiku, kif ukoll jassistu f'emerġenzi li jkunu jirrekjedu skorta.

Seduta 50
14/11/2022

**KEY EXPERT – ELECTRICAL ENGINEER**

**3696. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3114, jista' l-Ministru jispjega kif skont id-dokumenti li poġġa fuq il-Mejda tal-Kamra jidher li x-xogħol ta' Key Expert - Electrical Engineer, ġie sub-contracted minn kumpanija (A) li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament għal kumpanija oħra (B) li d-dettalji dwarha qed jingħataw ukoll separatament, meta skont il-clarifications li ntalbu fl-istadju tal-evalwazzjoni tat-tender, kumpanija (A) kienu kkonfermaw li l-ebda parti tat-tender mhu se tiġi sub-contracted, kif jikkonferma d-dokument li qed jingħata separatament ma' din il-mistoqsija?

07/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fit-tweġiba li diġà ngħatat ma tissemma l-ebda kumpanija oħra apparti ta' min rebaħ il-kuntratt. Huwa l-individwu li jiġi nominat bħala key expert skont kif jintalab fid-dokument tat-tender u dan ma jissejjaħx subcontractor imma jissejjaħ Key Expert. Il-kunċett ta' subcontractor mhux validu fil-każ ta' key experts li jkunu qed jintrabtu individwalment.

Seduta 50
14/11/2022

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ IL-KAPUĊĊINI – SINJALI TAT-TRAFFIKU**

**3710. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 3139 dwar sinjali tat-traffiku fi Triq il-Kapuċċini, Ħaż-Żabbar, jista' l-Ministru ġentilment iwieġeb din il-mistoqsija u jara li jerġgħu jsiru s-sinjali mal-art, inkluż stop signs u marki sofor, peress li wara li fl-aħħar sar it-tarmak mill-ġdid fit-triq, dawn is-sinjali baqgħu ma sarux?

07/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 50
14/11/2022

**RAĦAL GDID – ĦSARAT FIL-PJAZZA**

**3711. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza ghat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2056, jista' l-Ministru jgħid meta kien lest ir-rapport li bħalissa qed jiġi skrutinizzat mill-entitajiet ikkonċernati? Jista' jpoġġi kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra?

07/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li r-rapport kkonċernat kien lest f'Lulju tas-sena 2022. Ir-rapport imsemmi qiegħed preżentement ikun skrutinizzat mill-partijiet ikkonċernati u għal dan il-għan qiegħda ssir ħidma id f'id ma' entitajiet oħra biex isiru interventi neċessarji.

Seduta 50
14/11/2022

**IL-FGURA – TRIQ MATER BONI CONSILII – XOGĦLIJIET**

**3712. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba li tat il-Ministru għall-mistoqsija parlamentari 2744, peress li fl-10 t'Ottubru li għadda l-Ministru infurmatni li x-xogħlijiet kienu ser jiġu konklużi "fil-jiem li ġejjin" u issa qegħdin f'nofs Novembru (xahar wara) u x-xogħol għadu pendenti, tista' l-Ministru ġentilment tagħti aġġornament ta' x'sar fl-aħħar xahar fuq dan il-proġett u meta ser ikun lest ix-xogħol min-naħa tal-Koporazzjoni kkonċernata? Taf il-Ministru li f'din il-parti tat-triq hemm mill-inqas żewġ parkeġġi riżervati għall-persuni b'diżabilita li ilhom neqsin minħabba li tneħħa t-tarmak, sa minn Marzu li għadda bil-konsegwenza li dawn il-familji qed jiffaċċjaw ħafna problemi minħabba dan id-dewmien?

07/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kkonkludiet il-parti tagħha u issa jmiss l-awtorità responsabbli biex tagħlaq ix-xogħlijiet pendenti.

Seduta 50
14/11/2022

**MTA - TABLES AND CHAIRS INSPECTIONS**

**3716. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu fuq imwejjed u siġġijiet bejn l-ewwel ta' Ġunju u l-aħħar t'Ottubru ta' din is-sena?

07/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-perjodu bejn Ġunju u Ottubru, id-Dipartiment tal-Enforcement fi ħdan l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għamel madwar sitta u sebgħin (76) spezzjonijiet f'Malta u erbgħa u għoxrin (24) spezzjoni f'Għawdex.
Kull spezzjoni tirrikjedi almenu spezzjoni ulterjuri biex jiġi żgurat illi l-operatur jaderixxi mal-istruzzjonijiet li jkunu ngħatawlu. B'hekk effettivament saru madwar mitejn (200) spezzjoni komplessivament.

Seduta 50
14/11/2022

**LEGAL REFORM FOR THE TOURISM INDUSTRY**

**3717. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa maħsub li titressaq quddiem din il-Kamra liġi bbażata fuq il-white paper 'Legal Reform for the Tourism Industry' li ġiet ippubblikata fl-2016, liema riforma kellha ssir skont il-Politika Nazzjonali tat-Turiżmu għall-Gżejjer Maltin li tnediet f'Marzu 2015, u li skont it-tweġiba tal-istess Ministru għall-mistoqsija parlamentari 578, din kellha titressaq quddiem din il-Kamra għall-Ewwel Qari qabel il-vakanzi tas-sajf?

07/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li x-xogħol fuq din ir-riforma għadu għaddej u għaldaqstant id-dokument se jitressaq għad-diskussjoni matul is-sena d-dieħla.

Seduta 50
14/11/2022

**AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU - ARRETRATI TA' LIĊENZJI TA' OPERATURI TURISTIĊI**

**3718. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 574, 1842, 2466, 2817 u 3157, u jgħid l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu kemm għandha arretrati x'tiġbor f'liċenzji minn operaturi turistiċi mill-2013 sal-lum, maqsuma sena b'sena?

07/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 50
14/11/2022

**SPTAR MONTE CARMELI – NUSING AIDE**

**3719. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jispjega għaliex twaqqaf iċ-ċans li nursing aide fl-Isptar Monte Carmeli jkun jista' jaħdem sigħat żejda bħala 'time in lieu'?

07/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema nursing aide qiegħed jirreferi.

Seduta 50
14/11/2022

**SPTAR TAL-ONKOLOĠIJA U SPTAR MATER DEI – SERVIZZ TA' NURSE NAVIGATOR**

**3720. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prm Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta beda s-servizz ta' 'nurse navigator' fl-Onkoloġija u fl-Isptar Mater Dei? Jista' jispjega kemm hemm infermiera ingaġġati b'dan it-titlu u minn meta bdew kull wieħed?

07/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi s-servizz tan-NurseNavigator beda b'servizz ta 'Practice Nurse' waħda tal-kanċer tal-musrana l-kbira. Dan l-ingaġġament kien f'Novembru ta' 2016 u s-servizz beda f'Marzu ta' 2017.
Dan is-servizz kompla jiġi estiż matul dawn l-aħħar snin u preżentament id- Direttorat tal-'Cancer Care Pathways' għandu ingaġġati miegħu disa' (9) Nurse Navigators – tnejn għall-kanċer tal-musrana l-kbira, waħda għall-kanċer tal-pulmun, waħda għal kanċer tal-prostata, wieħed għal kanċer uroloġiċi oħra (kidneys, bladder, penile, testes), waħda għall-kanċers tal-ġinekoloġija, waħda għall-kanċer gastro-intestinali u ħepato-biliary, waħda għall-kanċer tar-ras u l-għonq, kif ukoll waħda għall-kanċer tas-sider , skont it-tabella hawn taħt mehmuża.

It-Tabella ta' taħt turi kull servizz tan-Nurse Navigator kif ukoll meta kull servizz beda, dan wara li sar perjodu ta' xhur ta' taħriġ estensiv f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

| **Servizzi tat-Tim tan-Nurse Navigators** | **Dati meta beda kull servizz tan-Nurse Navigators** |
|---|---|
| Kanċer tal-Musrana l-kbira (Kolorettali) | L-ewwel Nurse Navigatorkolorettali - Marzu 2017<br>It-tieni Nurse Navigatorkolorettali - Ottubru 2017 |
| Kanċer tal-Pulmun | Frar 2018 |
| Kanċer tal-Prostata | Lulju 2018 |
| Kanċer tal-Ġinekoloġija | Lulju 2019 |
| Kanċer tal-Uroloġija (Kidneys, Bladder, Penile, Testes) | Mejju 2021 |
| Kanċer r tar-Ras u l-Għonq | Frar 2021 |
| Kanċer Gastro-intestinali u Hepato-Biliary | Marzu 2021 |
| Kanċer tas-Sider | Bħala proġett pilota - Ġunju 2022 |

Seduta 50
14/11/2022

**BEEKEEPERS**

**3724. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3276 u jgħid kemm hawn persuni rreġistrati bħala beekeepers, maqsuma skont il-lokalità?

08/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi preżentament hawn 272 naħħal reġistrat mad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja. Dawn huma maqsuma skont dawn il-lokalitajiet:

| | |
|---|---|
| Mellieħa | 23 |
| Rabat (Malta) | 17 |
| Nadur | 17 |
| Mġarr (Malta) | 14 |
| Rabat (Għawdex) | 13 |
| Mosta | 13 |
| Xagħra (Għawdex) | 12 |
| Siġġiewi | 10 |
| Żejtun | 9 |
| Qormi | 8 |
| Dingli | 8 |
| Ħ'Attard | 8 |
| Ħaż-Zebbuġ | 8 |
| Qala | 7 |
| Birkirkara | 6 |
| Ħal-Għaxaq | 6 |
| Naxxar | 6 |

| | |
|---|---|
| Għargħur | 6 |
| Żabbar | 5 |
| Mtarfa | 5 |
| Baħrija | 5 |
| Xewkija | 4 |
| Żurrieq | 4 |
| Burmurrad | 4 |
| San Pawl il-Baħar | 4 |
| Għarb (Għawdex) | 4 |
| Safi | 3 |
| Gudja | 3 |
| Żebbuġ (Għawdex) | 3 |
| Marsaskala | 3 |
| Għajnsielem | 3 |
| Sliema | 2 |
| Marsaxlokk | 2 |
| San Ġiljan | 2 |
| Qawra | 2 |
| Sannat (Għawdex) | 2 |
| Birżebbuġa | 2 |
| Qrendi | 2 |
| San Ġwann | 2 |
| Kerċem | 2 |
| Floriana | 2 |
| Swieqi | 1 |
| Tarxien | 1 |
| Kirkop | 1 |
| Xgħajra | 1 |
| Kalkara | 1 |
| Xemxija | 1 |
| San Lawrenz | 1 |
| Fgura | 1 |

| | |
|---|---|
| Santa Venera | 1 |
| Marsalforn | 1 |
| Ħal-Lija | 1 |

Seduta 50
14/11/2022

**MALTA ENTERPRISE – SERVIZZI TA' GĦAJNUNA LIL KUMPANNIJI JIMPLIMENTAW L-ESG**

**3725. L-ONOR. IVAN J BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Fid-dokument tad-Diskors tal-Baġit 2023, f'paġna 56, hemm stqarrija li timplika li l-Malta Enterprise se tkun qed toffri servizzi biex tgħin lill-kumpaniji jimplimentaw l-ESG. Tista' l-Ministru tgħid:

· X'servizzi se jiġu offruti?

· Min se jkun qed joffri dawn is-servizzi?

· Meta se jibda dan is-servizz?

08/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalma issa ilu jsir għal dawn l-aħħar snin, l-intrapriżi Maltin u Għawdxin ser ikunu qegħdin jirċievu l-għajnuna u l-inċentivi li għandhom bżonn sabiex jiżviluppaw prattiċi interni li jgħinuhom isiru aktar sostenibbli u jilħqu l-kriterji ESG fejn dawn ikunu applikabbli.

Dan qed nagħmluh għax nemmnu li din hija t-triq 'il quddiem sabiex l-intrapriżi Maltin u Għawdxin isaħħu l-kompetittività tagħhom mingħajr ma jitgħabba fuqhom piż żejjed li jkun kontro produttiv.

Tajjeb li ninforma lil Onor. Interpellant li lura f'Novembru 2021, nedejna pjattaforma li permezz tagħha l-intrapriżi Maltin diġà qed ikunu assistiti sabiex jipprovdu, b'mod volontarju, informazzjoni konformi mal-kredenzjali tal-ESG. Dan kien l-ewwel pass u rridu nkomplu nibnu fuq din il-ħidma li saret u li diġà attirat l-interess ta' bosta kumpaniji Maltin.

Issa, flimkien mal-Malta Enterprise ser ikunu qegħdin niżviluppaw linji gwida biex il-kumpaniji Maltin ikunu jistgħu jilħqu l-kredenzjali tal-ESG kif stabbilit mil-Corporate Sustainability Reporting Directive. Propju fl-10 ta Novembru li għadda il-Parlament Ewropew adotta din id-direttiva li issa mistennija tiġi addottata mil-kunsill Ewropew fl-aħħar ta' Novembru.

Seduta 50
14/11/2022

**START-UPS – GĦAJNUNA FI PROĠETTI MILL-GVERN**

**3726. L-ONOR. IVAN J BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Fid-dokument tad-Diskors tal-Baġit 2023, f'paġna 53, hemm dikjarazzjoni dwar Start-Ups fejn il-Gvern iddikjara li għen 35 proġett (Start-Ups ġodda) u biex jagħmel dan investa €35 miljun. Tista' l-Ministru tgħid:

· Jekk hux possibbli li tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, lista ta' dawn l-istart-ups u l-focus ewlieni tagħhom fl-industrija? Eżempju (AI, 3D Printing etc)

· Kemm impjegaw persuni dawn l-istart-ups matul l-aħħar 12-il xahar?

· X'inhuma s-salarji medji?

· X'inhuma l-ħiliet speċjalizzati meħtieġa biex taħdem ma' dawn l-istart-ups?

· X'inhu r-return on investment li qed jistenna l-Gvern mill-investiment ta' €22 miljun?

08/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 50
14/11/2022

**AIR MALTA - ĦADDIEMA**

**3727. L-ONOR. IVAN J BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Matul il-preżentazzjoni tal-Baġit, il-Ministru rrefera biss għall-Air Malta f'paġni 63 u 64, fejn indika l-isfidi u r-restrizzjonijiet tal-UE, iżda ma joffri l-ebda soluzzjonijiet, għaldaqstant jista' l-Ministru jindika:

1. X'inhu l-kalendarju (data) mistenni għall-impjegati tal-Air Malta biex verament ikunu jafu fejn qegħdin?

2. F'termini assoluti, x'se tiswa din il-problema tal-Air Malta biex tnaqqas il-ħaddiema?

3. Jista' joffri viżibilità ta' x'inhi l-viżjoni tal-Gvern biex jiżgura li Malta tibqa' jkollha l-linja tal-ajru tagħha?

08/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ladarba jkun intlaħaq ftehim mal-Kummissjoni Ewropea, il-partijiet kollha involuti jkunu mgħarrfa bit-triq 'il quddiem.

Seduta 50
14/11/2022

**CONTINUOUS GLUCOSE MONITORING**

**3728. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonferma jekk hemmx ħsieb biex is-CGM (Continuous Glucose Monitoring) tingħata lil dawk bid-dijabete ta' bejn il-21 u 35 sena? Jekk iva, meta ser tidħol fis-seħħ din il-miżura?

08/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 3388**.**

Seduta 50
14/11/2022

**RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - PJAN**

**3729. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2053 u jelenka l-istakeholders u/jew NGOs li ġew ikkonsultati għall-pjan ta' Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir ta' 76 paġna? Dawn kienu jinkludu xi wħud mill-istakeholders preżenti li qed jokkupaw il-port?

08/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tgħarif għadu qed jinġabar.

Seduta 50
14/11/2022

**PJAN TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PORT**

**3730. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2054 u jgħid kemm sewa l-pjan kbir ta' Riġenerazzjoni tal-Port? Jista' jagħti l-istudji li ntużaw?

08/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 50
14/11/2022

**LUKANDA SELMUN PALACE**

**3731. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 2078, jista' l-Ministru jgħid x'sar progress s'issa? Jista' jgħid x'ħa jsir mill-Palazz? Jista' jgħid jekk il-pubbliku hux se jkollu aċċess għall-Palazz?

08/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 2078.

Seduta 50
14/11/2022

**ĦOLQIEN TA' INDUSTRIJI ĠODDA**

**3737. L-ONOR. IVAN J BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Fid-dawl li l-Ministru dejjem jinsisti li l-Gvern tiegħu ħoloq industriji ġodda matul l-aħħar għaxar snin, jista' l-Ministru jgħid x'jifhem bit-terminu, "Ħolqien ta' Industrija ġdida"?

Jista' jgħid ukoll:

1. Liema industriji ġodda nħolqu fl-aħħar sentejn jew tliet snin?

2. Kemm inħolqu impjiegi b'valur miżjud?

3. X'inhu s-salarju medju għal dawn l-impjiegi?

4. Kemm minn dawn l-impjiegi qed iħaddmu żgħażagħ Maltin?

08/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-aħħar snin inħolqu diversi tip ta' industriji ġodda, fosthom f'oqsma li jużaw teknoloġiji ġodda bħal AI, Biometric technoloġies, block chain, crypto, UAV prototyping, advanced technologies u market intelligence fost oħrajn.
Fejn jidħol Blockchain u Crypto, għax konna Gvern li rajna 'l quddiem fejn tista' twassal din it-tip ta' teknoloġija konna wieħed mill-ewwel pajjiżi fid-dinja li ħloqna qafas regolatorju fejn dawn l-industriji jistgħu joperaw bl-akbar sigurtà f'pajjiżna. l-Unjoni Ewropea qed tħares biex ikollha qasam regolatorju bħal tagħna. Dan ifisser li pajjiż ċkejken bħal tagħna jinsab qabel pajjiżi oħra f'dan il-qasam b'sitt snin.
B'dispjaċir ngħid li l-Oppożizzjoni, fl-aħħar snin tant kienet medda b'diska retorika li ma nħolqux industriji ġodda li lanqas indunaw dak li ilu jiġri f'pajjiżhom stess għal diversi snin.
Ftit tal-ġranet ilu f'dan il-Parlament, il-Kap tal-Oppożizzjoni qalilna li jmissna nibdew naraw industriji ġodda bħall-video game development u esports. Infakkar, lill-Onorevoli Interpellant li kien fl-2019 li nedejn strateġija dwar il-video gamed development u l-esports. U llum diġa qegħdin naraw il-frott tagħhom.
Fl-aħħar jiem attendejt għall-ġurnata ta' reklutaġġ li għamlet il-kumpanija Keyworld Studios f'pajjiżna. Din hija kumpanija li toffri assistenza teknika u servizzi kreattivi lill-kumpaniji li joħolqu l-video games. Din il-kumpanija li b'mod globali tħaddem 11,000 ruħ, tinsab f'pajjiżna u qed timpjega lin-nies.

Matul dan ix-xahar stess għadha kemm itellgħet f'pajjiżna l-Playcomn, expo dwar video games u esports li minbarra l-lat kreattiv li offriet li min żarha, fl-ewwel jumejn tagħha attendew 5,000 student minn skejjel differenti f'Malta, fejn l-istudenti ngħataw l-opportunità jaraw b'għajnejhom l-opportunitajiet offruti f'dan il-qasam.

Seduta 50
14/11/2022

**VETTURI REĠISTRATI BIL-"Y" PLATE**

**3738. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid:

1. Kemm hawn vetturi bil-"Y" plate reġistrati Malta?

2. Kemm hemm ħsieb li se jibqgħu jiġu rreġistrati?

3. Kemm kienu reġistrati fl-aħħar ħames snin, sena sena?

08/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa hawn 4,710 Y plate reġistrati u liċenzjati. Is-suq huwa liberu u miftuħ allura ma nkunux nafu kemm se nirċievu reġistrazzjonijiet. Fl-aħħar ħames snin ġew reġistrati hekk kif imsemmi hawn isfel:

2022 (sal-aħħar ta' Settembru) - 732

2021 - 341

2020 - 433

2019 - 851

2018 - 640

Seduta 50
14/11/2022

**MALTA PUBLIC TRANSPORT - XUFIERA**

**3739. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm qed jitħallsu x-xufiera tal-Malta Public Transport? Jista' jgħid ukoll jekk huwiex minnu li hemm rati differenti bejn ħaddiema ta' nazzjonalità Maltija u ħaddiema ta' nazzjonalità barranija? Jista' jgħid jekk huwiex minnu li dan l-aħħar inġibu ħaddiema mir-Renju Unit li qegħdin jitħallsu b'rati ferm ogħla minn dawk Maltin?

08/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Malta Public Transport hija kumpanija privata u għaldaqstant hija responsabbli għall-operat tas-servizz inkluz l-ingaġġar tax-xufiera.

Seduta 50
14/11/2022

**FLORIANA – TRIQ SANT'ANNA U TRIQ NAZZJONALI – SINJALI TAT-TRAFFIKU U INĊIDENTI**

**3740. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu jżomm l-entità li hu responsabbli minnha biex fi Triq Sant'Anna u Triq Nazzjonali fil-Floriana jsiru tabelli u sinjali biex jagħtu indikazzjoni tal-veloċità li tista' tintlaħaq f'dawn it-tali toroq? Jista' jgħid kemm seħħew inċidenti fi Triq Nazzjonali u fi Triq Sant'Anna fil-Floriana fl-aħħar għaxar snin?

08/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 50
14/11/2022

**KORPI DIXXIPLINARJI TA' MALTA – EX ĦADDIEMA TAS-SERVIZZI LI GĦADHOM MA LAĦQUX L-ETÀ PENSJONABBLI**

**3741. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2207 u jgħid x'inhu l-ammont ta' eks ħaddiema tas-servizzi, ċjoè Korpi Dixxiplinarji ta' Malta li huma: il-Pulizija, il-Forzi Armati, il-Faċilità Korrettiva u l-Protezzjoni Ċivili, dwar in-numru ta' persuni li għadhom ma laħqux l-età pensjonabbli, li jirċievu biss il-Pensjoni tat-Teżor u mhux f'impjieg għas-sena 2021?

08/11/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li numru ta' eks ħaddiema tal-Korpi Dixxiplinari li għadhom ma laħqux l-età pensjonabbli u li mhumiex f'impjieg u rċevew biss Pensjoni tas-Servizz jammonta għal 617.

Seduta 50
14/11/2022

**ATTI KRIMINALI - ŻIEDA**

**3742. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm żdiedu atti kriminali ġewwa Għawdex sena b'sena f'dawn l-aħħar ħames snin?

08/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-ammont ta' reati kriminali rrappurtati f'Għawdex mis-sena 2018 sal-aħħar ta' Ottubru ta' din is-sena, kienu kif jidher fit-tabella hawn taħt.

| Sena | Rapporti ta' każi kriminali Għawdex |
|---|---|
| 2018 | 713 |
| 2019 | 816 |
| 2020 | 747 |
| 2021 | 855 |
| 2022 (sa Ottubru) | 761 |

Seduta 50
14/11/2022

**SPECIAL OLYMPICS – GĦAJNUNA SPEĊIFIKA**

**3743. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema għajnuna speċifika, inkluż dik finanzjarja, jew inċentiva tingħata lil dawk l-isportivi Għawdxin b'diżabilità (jew lill-ġenituri tagħhom) li jkunu qegħdin jippreparaw biex jieħdu sehem fl-iSpecial Olympics?

08/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 50
14/11/2022

**IR-RABAT – PARKEĠĠ PUBBLIKU**

**3744. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk hemmx pjan dwar parkeġġ pubbliku ġewwa r-Rabat, Għawdex? Jekk iva, fejn hu ppjanat li jiġi mibni u meta ser jinbeda?

08/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'riferenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 3744 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 50
14/11/2022

**GĦAWDEX – IX-XLENDI - MASTERPLAN**

**3745. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju wasal il-Masterplan tax-Xlendi, Għawdex?

08/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa għaddejjin konsultazzjonijiet mal-entitajiet ikkonċernati biex jiġu definiti s-servizzi meħtieġa fix-Xlendi, li jkunu jiriflettu d-domanda li dejjem qed tiżdied.

Seduta 50
14/11/2022

**PERSUNI F'RISKJU TA' FAQAR F'GĦAWDEX**

**3746. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jindika kemm hemm familji f'riskju ta' faqar ġewwa Għawdex fil-preżent? X'qiegħed isir biex dawn il-familji ma jibqgħux f'riskju ta' faqar?

08/11/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont l-Uffiċċju Nazzjonali dwar l-Istatistika, ir-rata ta' riskju ta' faqar ġewwa Għawdex skont is-SILC 2021 hija ta' 12.4%, liema rata hija it-tieni l-anqas fost ir-reġjuni kollha fil-gżejjer Maltin.

F'dik li hija ġlieda kontra l-faqar, il-Gvern ma jagħmilx distinzjoni bejn reġjuni fil-macro policies tiegħu, speċjalment fil-miżuri soċjali li ilhom jiddaħħlu b'mod konsistenti u sostanzjali ħafna sa mill-2014. Naturalment ġieli jkun hemm bżonn ta' interventi jew servizzi speċifiċi għal sitwazzjonijiet partikolari li jistgħu ivarjaw skond il-lokalità, il-kategorija ta' nies jew xi qasam soċjali partikolari.

Din il-politika mħaddma mill-Gvern wasslet biex fl-aħħar 9 snin naqset b'mod sostanzjali ħafna ċ-ċaħda materjali u dik severa inkluż f'Għawdex, naqset b'mod sostanzjali wkoll id-dipendenza soċjali inkluż f'Għawdex, u naqas għal livelli rekord il-qgħad fejn anke f'Għawdex dan sar kważi ineżistenti.

Seduta 50
14/11/2022

**UNIVERSITÀ TA' MALTA – FAKULTAJIET, ISTITUT U ĊENTRI – LETTURI FULL-TIME U PART-TIME**

**3748. L-ONOR. KATYA DE GIOVANNI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm letturi full-time u part-time, kemm visiting kif ukoll b'loads T u TR f'kull dipartiment ta' kull fakultà, istitut u ċentru ġewwa l-Università ta' Malta?

08/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 50
14/11/2022

**UNIVERSITÀ TA' MALTA – STUDENTI F'KULL KORS**

**3749. L-ONOR. KATYA DE GIOVANNI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti għal kull sena ta' kull kors eżistenti ġewwa l-Università ta' Malta?

08/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 50
14/11/2022

**KLABB TAL-FUTBOL - GROUND**

**3750. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Peress li fl-2013 SportMalta kienet tat lill-klabb Swieqi United FC l-użu tal-grawnd tal-futbol f'Santa Clara School għal 17-il sena u peress li l-klabb tal-futbol kiber bil-kbir matul l-aħħar snin u dak il-grawnd tal-futbol m'għadux kbir biżżejjed u għalhekk qed ikollhom jitħarrġu fil-grawnds tal-futbol li ġejjin: Ħamrun Spartans FC, Junior College, Pembroke Athleta, Sirens FC, San Ġużepp f'Santa Venera, u oħrajn, jista' l-Ministru jispjega jekk:
a. hemmx xi pjanijiet fis-seħħ biex il-grawnd tal-futbol attwali f'Santa Klara jiġi estiż, biex ikun jista' jakkomoda l-bżonnijiet ta' dan il-Futbol Klabb li qed jikber;
b. jekk hemmx xi pjanijiet fis-seħħ biex tiġi lokalizzata żona oħra fil-viċinanzi tal-lokalità tal-klabb, li se tipprovdi lil dan il-Futbol Klabb b'faċilitajiet ta' taħriġ permanenti;
ċ. jekk il-klabb tal-futbol inżammx/qed jinżamm infurmat b'xi diskussjonijiet relatati ma' dan ta' hawn fuq?

08/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 50
14/11/2022

**KOMUNITÀ TAS-SAJD BIL-QASBA U L-ISPORT – POST XIERAQ**

**3751. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Peress li l-Komunità tas-Sajd bil-Qasba u l-isport qed tiffaċċja kontinwament diffikultajiet biex isibu postijiet xierqa fejn jipprattikaw id-delizzju tagħhom u jorganizzaw kompetizzjonijiet tas-sajd sportivi u peress li dawn l-avvenimenti u dan l-isport għandhom ukoll il-potenzjal li jattiraw barranin lejn gżiritna, jista' l-Ministru jispjega jekk:
a. hemmx xi pjanijiet biex tinstab żona permanenti fejn din il-komunità tista' tipprattika l-passatemp tagħha u torganizza l-kompetizzjonijiet tagħhom? Jekk iva, għal kemm aktar iridu jistennew?
b. jekk m'hemmx pjanijiet biex tinstab żona permanenti, hemm pjanijiet biex jinstabu żoni magħżula, fejn din il-komunità titħalla tipprattika l-passatemp tagħha u torganizza l-avvenimenti tagħha, mingħajr ma jkollha tiffaċċja diffikultajiet kontinwi biex jinkisbu l-permessi meħtieġa? Jekk iva, għal kemm aktar iridu jistennew? Jekk bħalissa m'hemmx pjanijiet biex din il-komunità sportiva tiġi megħjuna, jista' jispjega r-raġuni għaliex il-Ministru ma pprovax isib soluzzjoni għall-problema tagħhom?

08/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fejn għandhom x'jaqsmu faċilitajiet u spazji sportivi, Sport Malta jiddiskutu ma' assoċjazzjonijiet sportivi li jkunu qed jirrappreżentaw xi sport partikulari. Jekk issir talba dwar spazzju pubbliku biex dan jintuża għal skopijiet sportivi, jiskatta l-proċess mal-awtoritajiet konċernati sabiex eventwalment il-ftehim li jkun qed jiġi propost jitressaq quddiem il-Parlament għal approvazzjoni.

Seduta 50
14/11/2022

**HYBRID REMOTE WORKING PROGRAMME - KORSIJIET**

**3752. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Fid-dawl li ftit ġimgħat ilu persuni li riedu japplikaw għall-*Hybrid Remote Working Programme* ntalbu jagħmlu kors, u peress li l-ġimgħa li għaddiet tħassru l-korsijiet għal dawk il-persuni li jridu jaħdmu b'mod remot, jista' l-Prim Ministru jgħid jekk dan hux minnu? Jista' l-Prim Ministru jagħti aġġornament dwar ir-remote working policy u kif u sa meta jistgħu japplikaw persuni għall-*Hybrid Remote Working Programme*?

08/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat illi l-faċilità ta'remote working se tibqa'. Bħal kull skema oħra, din l-skema tibqa' tiġi aġġornata u mtejba skont l-esiġenzi tas-servizz u ċ-ċirkostanzi partikulari.

Seduta 50
14/11/2022

**TWAQQIF TA' REMOTE WORKING**

**3753. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk id-dipartimenti tal-Gvern humiex mistennija jwaqqfu r-"Remote Working" mill-1 ta' Jannar 2023?

08/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 3752.

Seduta 50
14/11/2022

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – PRIĠUNIERI FUQ PUSSESS JEW TRAFFIKAR TA' DROGA**

**3754. L-ONOR. KATYA DE GIOVANNI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm hemm priġunieri fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin li qed jiskontaw piena ta' ħabs relatata mal-pussess u/jew traffikar tal-kannabis?

08/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi s-sistema li żżomm din id-data ma tagħmilx distinzjoni bejn id-diversi tipi ta' droga u għalhekk din il-mistoqsija ma tistax tiġi mwieġba korrettement.

Seduta 50
14/11/2022

**PULIZIJA – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL EXPUNGEMENT OF CRIMINAL RECORDS**

**3755. L-ONOR. KATYA DE GIOVANNI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jistà l-Ministru jgħid kemm persuni applikaw għall-expungement of criminal records u kemm-il expungement ġie approvat minn Diċembru 2021 sa Novembru 2022?

08/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi kien hemm erba' persuni li applikaw għat-tneħħija (expungement) tar-rekords kriminali fil-perjodu Diċembru 2021 sad-data ta' din it-tweġiba. Fl-ebda waħda minn dawn it-talbiet ma kien hemm bżonn ta' approvazzjoni, peress illi r-reati rispettivi diġà ma kinux jidhru fil-kondotta skont Skeda 2 tal-Kapitlu 77 u għalhekk ħadd minn dawn il-persuni ma kellu bżonn li japplika.

Seduta 50
14/11/2022

**AMERICAN UNIVERSITY OF MALTA – AUDIT REPORT**

**3756. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3098, jista' l-Ministru jispjega fejn wieħed jista' jsib l-audit report dwar l-evalwazzjoni li saret lill-American University of Malta (AUM) fil-website tal-MFHEA? Jidher li l-unika rapport li hemm ippubblikat huwa dak tal-2021 u mhux dak l-aktar riċenti.

08/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-aħħar audit ġie konkluż f'Ottubru tas-sena 2021 hekk kif titlob il-leġiżlazzjoni sussidjajra b'hekk ir-rapport pubblikat hu l-aktar wieħed riċenti.

Seduta 50
14/11/2022

**KUNSILLI LOKALI - ĠBIR TA' BOROŻ GĦALL-ISKART B'XEJN**

**3757. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Kunsilli Lokali hux se jibqgħu jqassmu boroż tal-ġbir tal-iskart b'xejn?

08/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-WasteServ għadha kif iffirmat kuntratt għax-xiri tal-basktijiet organiċi (borża bajda). Dawn il-boroż se jitqassmu lill-kunsilli lokali s-sena d-dieħla biex jingħataw lir-residenti.

Seduta 50
14/11/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - INKARIGU TA' PERMANENT SECRETARY**

**3758. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jipprovdi d-data tal-inkarigu tal-Permanent Secretary li hemm fil-Ministeru tiegħu rispettivament?

08/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 1722.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - INKARIGU TAL-PERMANENT SECRETARY**

**3759. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jipprovdi d-data tal-inkarigu tal-Permanent Secretary li hemm fil-Ministeru tiegħu rispettivament?

08/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika "rispettivament" minn xiex?

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-KULTURA - INKARIGU TAL-PERMANENT SECRETARY**

**3760. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jipprovdi d-data tal-inkarigu tal-Permanent Secretary li hemm fil-Ministeru tiegħu rispettivament?

08/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta mogħtija għall-mistoqsija parlamentari nru 1724.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - INKARIGU TAL-PERMANENT SECRETARY**

**3761. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jipprovdi d-data tal-inkarigu tal-Permanent Secretary li hemm fil-Ministeru tiegħu rispettivament?

08/11/2022

**ONOR. IAN BORG:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 1725 ta' din il-Leġiżlatura.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - INKARIGU TAL-PERMANENT SECRETARY**

**3762. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jipprovdi d-data tal-inkarigu tal-Permanent Secretary li hemm fil-Ministeru tiegħu rispettivament?

08/11/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija numru 1726.

Seduta 50
14/11/2022

**DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI – SKEMI**

**3782. L-ONOR. ROMILDA BALDACCHINO ZARB** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jelenka l-iskemi li ġew maħruġa matul is-snin 2021 u 2022 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali? Kemm ġew allokati fondi għal kull skema li nħarġet?

09/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| **Sena** | **Referenza** | **Skema** | **Fondi Allokati** |
|---|---|---|---|
| 2021 | SPI/SCI/02/2021 | Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playingfields fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex | €667,900.44 |
| | SPI/SCI/03/2021 | Skema għall-Attivitajiet Kulturali 2021 | €248,000.00 |
| | SPI/SCI/05/2021 | Community Inclusive Employment Scheme (CIES) | €70,649.96 |
| | / | Skema-2021-2022 biex isir ingaġġ ta' Uffiċjal tal-Komunita "Steward"Għat-Trattament Xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex | €195,952.13 |
| | SPI/SCI/06/2021 | Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021 | €403,128.92 |
| | SPI/SCI/07/2021 | Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali | €122,876.09 |
| | SPI/SCI/08/2021 | Finanzjament ta' Proġetti Kapitali - Aċċessibilità u Mobilità | €490,665.98 |
| | SPI/SCI/09/2021 | Skema għall-Attivitajiet Kulturali 2022 | €261,867.96 |
| | | | |
| 2022 | SPI/SCI/01/2022 | Finanzjament għal-żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex | €770,976.51 |
| | SPI/SCI/02/2022 | Community Inclusive Employment Scheme (CIES) | €61,200.00 |
| | SPI/SCI/03/2022 | Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2022/2023 | Ma ġewx allokati flus. Ix-xogħol ta' restawr isir mir-Restoration Directorate fi ħdan il-Ministeru |
| | SPI/SCI/05/2022 | Finanzjament għal xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex | €110,556.81 |
| | SPI/SCI/06/2022 | Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali | *stadju ta' evalwazzjoni* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | SPI/SCI/07/2022 | Espressjoni ta’ Interess: World Cleanup The World Campaign 2022 | €96,915.24 |
| | SPI/SCI/08/2022 | Espressjoni ta’ Interess – Finanzjament Milied 2022 | €750,129.14 |
| | SPI/SCI/09/2022 | Finanzjament ta’ Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b’saħħithom | *stadju ta' evalwazzjoni* |
| | SPI/SCI/10/2022 | Espressjoni ta’ Interess - ¯vilupp u titjib ta’ latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex (miftuħa għar-Kunsilli Reġjonali biss). | *skema għadha miftuħa* |

Seduta 50
14/11/2022

**SKEMA GĦAL INGAĠĠ TA' UFFIĊJAL TAL-KOMUNITÀ GĦAT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI**

**3783. L-ONOR. ROMILDA BALDACCHINO ZARB** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B’rabta mal-iskema li nħarġet fl-2021, “Skema 2021-2022 biex isir ingaġġ ta' uffiċjal tal-komunità "Steward" għat-trattament xieraq tal-annimali biex jaħdem fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex”, jista’ l-Ministru jgħid:
a. kemm applikaw kunsilli għal din l-iskema;
b. liema kunsilli applikaw għal din l-iskema u liema applikazzjonijiet ġew approvati; u
ċ. kemm kienet l-allokazzjoni ta' fondi fuq il-proġetti approvati?

09/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| **Kemm applikaw kunsilli għal din l-iskema?** | **31** | |
|---|---|---|
| **Liema kunsilli applikaw għal din l-iskema?** | **Liema applikazzjonijiet ġew approvati?** | **Kemm kienet l-allokazzjoni ta' fondi fuq il-proġetti approvati?** |
| Kerċem | Approvata | €21,711.31 |
| Għajnsielem | Approvata | €21,725.23 |
| Għarb | Approvata | €21,760.47 |
| ¯ebbuġ (Gozo) | Approvata | €21,719.61 |
| San Lawrenz | Approvata | €21,690.38 |
| Sannat | Approvata | €21,712.73 |
| ¯ejtun | Approvata | Il-Kunsill irtira l-applikazzjoni |
| Mosta | Approvata | €21,705.31 |
| Rabat (Gozo) | Mhux approvata | |
| ¯abbar | Approvata | €22,207.48 |
| Marsaskala | Approvata | Il-Kunsill irtira l-applikazzjoni |
| Ħ'Attard | Mhux approvata | |
| Siġġiewi | Approvata | Il-Kunsill irtira l-applikazzjoni |
| Kunsill Reġjonali Nofsinhar | Approvata | €21,719.61 |
| Mellieħa | Mhux approvata | |
| Żurrieq | Mhux approvata | |
| Birkirkara | Mhux approvata | |
| Fgura | Mhux approvata | |
| San Ġiljan | Mhux approvata | |
| Lija, Balzan, Iklin | Mhux approvata | |
| Kunsill Reġjonali Tramuntana | Mhux approvata | |
| Xagħra (Gozo) | Mhux approvata | |
| Għaxaq | Mhux approvata | |
| Bormla, Birgu, Isla u Kalkara | Mhux approvata | |
| Ħamrun | Mhux approvata | |
| St Venera | Mhux approvata | |

| | | | |
|---|---|---|---|

Seduta 50
14/11/2022

**SKEMI DWAR IL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI**

**3784. L-ONOR. ROMILDA BALDACCHINO ZARB** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'rabta mal-iskemi li ġew maħruġa fl-2021 - 2022 li kienu mmirati biex jassistu l-ħarsien tal-annimali, jista' l-Ministru jgħid:
a. kemm daħlu applikazzjonijiet għal dawn l-iskemi u kemm minnhom ġew approvati; u
b. kemm kien hemm fondi għal din l-iskema u kemm minnhom ġew allokati?

09/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat illi ħarġet skema waħda bl-isem "Skema 2021-2022 biex isir ingaġġ ta' uffiċjal tal-komunità "Steward" għat-trattament xieraq tal-annimali biex jaħdem fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex". Għal din l-iskema daħlu sitta u għoxrin (26) applikazzjoni filwaqt li ġew approvati tnax (12).

Rigward fondi allokati għal din l-iskema, ninsab infurmat illi dawn kienu jammontaw għal mitejn elf ewro (€200,000), illi 50% minnhom kienu ġejjin minn naħa ta' dan il-Ministeru għall-Wirt Kulturali, l-Arti u l-Gvern Lokali, filwaqt illi l-50% l-oħrajn waslu minn naħa tal-Ministeru għall-Agrikoltura, Is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

Infurmat li b'kollox ġew allokati total ta' €195,952.13 minn din l-iskema.

Seduta 50
14/11/2022

**KUMMISSJONI EWROPEA – COUNTRY REPORT DWAR L-ANDAMENT SOĊJO-EKONOMIKU TA' MALTA**

**3792. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Peress li f'Ġunju li għadda l-Kummissjoni Ewropea ħarġet il-country report dwar l-andament soċjoekonomiku ta' Malta, fejn fih qalet li jinħass nuqqas kbir ta' ħaddiema f' Malta u l-ispariġġ fil-ħiliet huma sinifikanti fis-setturi kollha, għaldaqstant jista' l-Ministru jindika x'miżuri ser jittieħdu sabiex dan jiġi indirizzat ?

09/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 50
14/11/2022

**MELLIEĦA – TRIQ IL-MARFA - XOGĦLIJIET**

**3793. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-permessi kollha kif approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar fuq l-applikazzjonijiet: PA/08852/17 ; PA/00319/19 ; PA/00306/19 ; PA/00898/20 u PA/04715/20 relatati ma' xogħlijiet li jinsabu għaddejjin jew li diġà tlestew viċin l-Għajn tal-Mellieħa fiż-żona ta' Triq il-Marfa fil-lokalità tal-Mellieħa?

09/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba dwar PA 08852/17 u PA 00898/20 qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra filwaqt li ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-każ ta' PA 00319/19 u PA 00306/19 ġejt infurmat li dawn ġew irtirati u PA 04715/20 għadha fil-proċess t'evalwazzjoni.

Seduta 50
14/11/2022

**MELLIEĦA – TEATRU GRIEG FI ĠNIEN IL-QIGĦAN**

**3794. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-korrispondenza kollha li għaddiet bejn il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u Care Malta Ltd minn Jannar 2019 u Ottubru 2022 dwar it-Teatru Grieg li jinsab fi Ġnien il-Qigħan fil-Mellieħa biswit Dar il-Madonna tal-Mellieħa?

09/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieha illi bejn l-istess Kunsill Lokali u Care Malta Ltd kien hemm diversi korrispondenzi fil-perjodu indikat mill-Onor. Interpellant rigwardanti t-Teatru Grieg li jinsab fi Ġnien il-Qigħan fil-Mellieħa biswit Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

Infurmat wkoll li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għamel Protest Ġudizzjarju fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kontra l-istess kumpanija dwar it-twaqqif tal-fence biex ingħalqet il-parti t'isfel tal-ġnien, kif ukoll fuq il-ħsara li saret fis-sistema tad-dwal.

Seduta 50
14/11/2022

**MELLIEĦA – SKOLA PRIMARJA - ESTENSJONI**

**3795. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibda u jintemm ix-xogħol fuq l-estensjoni tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa?

09/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 50
14/11/2022

**KOPERATTIVI – ALLOKAZZJONI TA' FONDI**

**3796. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jindika jekk hemmx xi forma ta' fondi allokati għall-koperattivi f'pajjiżna u li dawn għadhom ma ġewx mogħtija minkejja li ilhom snin imwiegħda? Jekk iva, jista' jgħid kemm hu l-ammont u meta mistennija li dawn jingħataw?

09/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Il-Ministru jikkonferma li m'hemmx forma ta' fondi allokati għall-koperattivi f'pajjiżna li dawn għadhom ma ġewx mogħtija, wara li dawn ġew imwiegħda. Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant li skont l-Att dwar Soċjetajiet Koperattivi, Kap. 442 (artikolu 91.3) kull soċjetà koperattiva għandha tikkontribwixxi ħamsa fil-mija tar-residwu li jibqa' mill-attivitajiet, ħidma, investimenti u kull sors ieħor tagħha fi tmiem kull perjodu ta' kontijiet lill-Fond Ċentrali. Dan huma fondi pubbliċi li jiġu amministrati skond ir-Regolamenti dwar il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi (S.L. 442.03).

Seduta 50
14/11/2022

**ERA - RAPPORTI**

**3797. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kull rapport li setgħet għamlet l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u li kienu relatati mal-applikazzjonijiet: PA/08852/17, PA/00319/19, PA/00306/19, PA/00898/20 u PA/04715/20, liema applikazzjonijiet daħlu quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar u li huma relatati ma' xogħlijiet viċin l-Għajn tal-Mellieħa fil-limiti ta' Triq il-Marfa fil-Mellieħa?

09/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapporti li għamlet l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi b'rabta mal-applikazzjonijiet imsemmija.

Seduta 50
14/11/2022

**SIĠĠIEWI – SALA TAL-ISKOLA PRIMARJA**

**3800. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Peress li kien hemm bosta lmenti mingħand ġenituri ta' studenti u edukaturi fi ħdan l-Iskola Primarja tas-Siġġiewi għall-fatt li s-sala prinċipali qed tintuża bħala store għal tagħmir mediku, jista' l-Ministru jgħid meta s-sala tal-Iskola Primarja tas-Siġġiewi se tkun tista' terġa' tibda tintuża b'mod regolari għall-attivitajiet edukattivi u soċjali kemm mill-Edukaturi kif ukoll mill-istudenti?

09/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa għaddejja ħidma intensiva biex is-swali tal-iskejjel, inkluż dik msemmija, jitbattlu kollha.

Seduta 50
14/11/2022

**ĠENITURI LI NTBAGĦTU L-ĦABS WARA LI NSTABU ĦATJA TA' KSUR TAL-KODIĊI KRIMINALI DWAR NUQQAS TA' ĦLAS TA' MANTENIMENT**

**3814. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm missirijiet u ommijiet effettivament intbagħtu l-ħabs wara li nstabu ħatja ta' ksur tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) artikolu 338(z) dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment, u artikolu 338 (11), dwar in-nuqqas ta' aċċess ta' wlied minuri, matul is-sena 2021?

09/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra

Seduta 50
14/11/2022

**ĠENITURI LI NSTABU ĦATJA TA' KSUR TAL-KODIĊI KRIMINALI DWAR NUQQAS TA' ĦLAS TA' MANTENIMENT**

**3815. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm missirijiet u ommijiet effettivament nstabu ħatja ta' ksur tal-liġi kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu 338(z) dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment u artikolu 338 (ll) dwar in-nuqqas ta' aċċess ta' wlied minuri u kemm weħlu twissijiet, multi jew ħabs sospensiv, matul is-sena 2021?

09/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 50
14/11/2022

**KEMMUNA BEACH CONCESSIONS**

**3825. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3257, jista' l-Ministru jgħid liema huma r-raġunijiet kummerċjali b'tali mod li art pubblika tingħata b'konċessjoni lill-privat?

10/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jikkjarifika d-domanda tiegħu.

Seduta 50
14/11/2022

**KEMMUNA BEACH CONCESSIONS**

**3826. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sejħa pubblika li saret, fejn tistieden lill-pubbliku inġenerali biex jista' jitfa' l-offerta jew juri interess għal dawn il-konċessjonijiet ġewwa Kemmuna?

10/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sejħa qiegħda tiġi finalizzata u se tiġi ppublikata fiż-żmien li ġej.

Seduta 50
14/11/2022

**KEMMUNA BEACH CONCESSIONS**

**3827. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra s-site plans tal-konċessjonijiet mogħtija fil-bajjiet ta' Kemmuna? Jista' jgħid sa fejn dawn l-istess encroachments iwasslu?

10/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qegħdin isiru reviżjonijiet u s-site plans ta' tali konċessjonijiet qegħdin jiġu finalizzati.

Seduta 50
14/11/2022

**KEMMUNA BEACH CONCESSIONS**

**3828. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti assigurazzjoni lill-pubbliku li l-foreshore qiegħed ikun imħares b'dawn il-konċessjonijiet fil-bajjiet ta' Kemmuna?

10/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3827.

Seduta 50
14/11/2022

**KEMMUNA – ENCROACHMENTS - INFURZAR**

**3829. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kif il-Ministeru qiegħed jara li l-kundizzjonijiet mogħtija tal-encroachments ġewwa l-bajjiet ta' Kemmuna qed ikunu mħarsa? Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba kien hemm żjarat mill-infurzar ġewwa l-bajjiet f'Kemmuna?

10/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġejt infurmat li uffiċjali tal-Infurzar fi ħdan l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu kienu qed ikunu Kemmuna ta' kuljum, minn kmieni filgħodu sa tard waranofsinhar, sabiex jiżguraw li jitħarsu l-kundizzjonijiet imposti ġewwa Blue Lagoon.

Seduta 50
14/11/2022

**DECKCHAIRS U UMBRELLI - REGOLARIZZAZZJONI**

**3830. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Fid-dawl li l-Ministru għal diversi drabi tkellem u qal li ser ikun hemm pjan biex id-deckchairs u umbrelli jkunu regolarizzati, jista' l-Ministru jgħid fejn wasal dan il-pjan?

10/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qegħdin isiru reviżjonijiet u s-site plans ta' tali konċessjonijiet qegħdin jiġu finalizzati bil-għan li tiġi ppublikata sejħa fiż-żmien li ġej.

Seduta 50
14/11/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**3870. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2757 u jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lill-Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

10/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi mill-2017 sal-lum tħallsu €129,497.21 lil Media Link għal reklamar.

Seduta 50
14/11/2022